# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM 27 TA' MARZU 2019

**Rik. Gur. 623/2018 RGM**

**Kevin Attard**
**Vs**
**Philip Cardona u Mario Cardona**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment wara talba ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti imressqa mill-attur waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2019 ai termini tal-Artikolu 734 (1) (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta "u dan ghaliex il-Qorti kif preseduta ghamlet konsiderazzjonijiet li jistghu jolqtu l-andament ta' dawn il-proceduri fir-rikors revoka numru 917/2018 degretat fil-31 ta' Dicembru 2018."

Rat ir-risposta tal-attur tas-7 ta' Marzu 2019 li permezz taghha qed jopponi ghal din it-talba ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Rat l-atti tal-kawza odjerna u l-atti tar-rikors revoka numru 917/2018RGM dekretat fil-31 ta' Dicembru 2018.

Ikkonsidrat;

Permezz tar-rikors guramentat promotur l-attur Kevin Attard ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi Kevin Attard flimkien maz-zewg intimati kienu diretturi tal-kumpannija KPM Marine Services Limited (C-87676) b'ammont ta' ishma indaqs bejniethom, skont il-memorandum and articles of association tal-istess kumpannija (anness u mmarkat bhala Dok KA1);

2. Illi waqt l-operat ta' din il-kumpannija, kien hemm nuqqas ta' qbil bejn l-attur u l-intimati, u ghalhekk, l-initmati bdew jimpikaw mal-attur;

3. Illi minhabba din il-pika, l-intimati waqfu mill-amministrazzjoni tal-kumpannija u bdew jimpedu l-oggettivi tal-kumpannija skont il-memorandum and articles of association tal-istess;

4. Illi b'hekk r-rikorrent spicca jamministra kollox hu, u kellu jhallas ghal kull servizz li tinghata l-kumpannija minghand terzi;

5. Illi barra minn hekk, l-intimat sofra danni sostanzjali ohra peress li minhabba din il-pika min-naha tal-intimati huwa tilef hafna xoghol;

6. Illi l-attur prova jirranga s-sitwazzjoni diversi drabi, u anka prova jixtri l-ishma tal-intimati fil-kumpannija ghall-prezz li l-istess intimati kienu qedghin jitolbu ghall-ishma taghhom, izda minhabba pika, dawn ma bieghhux lill-esponent u s-sitwaazjoni baqghet qatt ma trangat. B'hekk l-attur kompla jsofri danni;

7. Illi kellha tigi intavolata kawza sabiex l-attur xtara l-ishma ta' l-intimati bl-istess ammont li kienu jridu hafna zmien qabel ma giet intavolata il-kawza u dan kollu minhabba pika;

8. Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment;

9. Illi ghalhekk kellha isir din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-attur qieghed jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti li ghar-ragunijiet premessi u previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja jew opportuna:

1) Tiddikjara li l-intimati kkawzaw danni lill-attur;

2) Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;

3) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

4) Tikkondanna lill-intimati ghall-hlas tad-danni sofferti minn l-attur f'dik is-somma kif likwidata min din l-istess Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjes kollha, inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali u mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 912/2018 inkluz spejjez legali extra-gudizzjarji u bl-interessi legali sad-data ta' l-effettif pagament kontra l-intimati.

Permezz tar-risposta guramentata taghhom il-konvenuti Philip Cardona et. qed jilqghu u jopponu t-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

"It-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess għas-segwenti raġunijiet jew liema minnhom:

1. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti irrinunzja għal kwalunkwe dritt ta' azzjoni fil-konfront tal-esponenti meta, permezz ta' skrittura datata 4 ta' Ġunju 2018, il-kontendenti ttransigew il-vertenzi kollha ta' bejniethom u l-attur ta lill-esponenti kwittanza assoluta u ddikjara li ma għandu, fil-konfront tal-istanti, ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta.

2. Fit-tieni lok, kwalunkwe responsabbiltà addebitata lill-esponenti qegħda tiġi respinta, u dan għar-raġunijiet li sejrin jirriżultaw fil-kawża.

3. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ma sofra l-ebda danni, u għalhekk, it-talba tiegħu hija fattwalment u legalment infondata.

4. Fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, sejjer jirriżulta fis-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat illi jekk ir-rikorrenti tassew sofra xi danni, ma jistgħax jitlob riżarċiment mingħand l-intimati billi

tali danni kienu riżultat biss tal-aġir maġġiorment kontributorju u llegali tiegħu stess.

5. Fil-ħames lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost partikolarment għat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet premessi, kwalunkwe danni li seta' b'xi mod sofra r-rikorrenti, jekk jirriżultaw, f'kull każ, ma jaħtux għalihom l-esponenti u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

6. Fil-ħames lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt, kif se jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skont il-ħtieġa, u b'riżerva ċara għal kull azzjoni spettanti lill-intimati, skont iċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti, inklużi dawk relatati mal-mandat ta' sekwestru numru 912/2018, mal-ittri ġudizzjarja bir-riferenza nru. 2741/2018, u 3000/2018 u kif ukoll mal-atti ġudizzjarji preżentati b'kontestazzjoni jew bi tweġiba għall-istess, illi jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni."

Mill-atti tar-**rikors revoka 917/2018RGM** jirrizulta illi din il-Qorti kif presjeduta b'digriet *in camera* moghti fil-31 ta' Dicembru 2018 laqghet it-talba tas-sekwestrati Cardona, konvenuti fil-kawza odjerna, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

*Ir-rikorrenti ahwa Cardona qed jallegaw illi l-mandat de quo mahrug fuq talba tal-intimat huwa rizultat ta' abbuz mill-proceduri gudizzjarji da parti ta' Attard. Isostnu illi fil-jum tal-4 ta' Gunju 2018 Kevin Attard filwaqt li deher mal-ahwa Cardona fuq skrittura ta' transazzjoni li permezz taghha ftehmu illi qed* ***jitransigu l-pendenzi kollha ta' bejniethom*** *tant illi in vista ta' tali transazzjoni l-istess Kevin Attard iddikjara illi qed jaghti "kwittanza assoluta" lill-ahwa Cardona filwaqt li ddikjara illi ma ghandu "l-ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta" kontra l-ahwa Cardona; fl-istess jum, ghadu mhux car jekk hux qabel jew wara l-iffirmar tal-*

*iskrittura ta' transazzjoni, Attard talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghas-somma ta' €260,000.00.*

*Il-Qorti ezaminat il-ftehim ta' transazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti jirrizulta prima facie illi fil-jum li fih Kevin Attard talab u ottjena l-hrug ta' mandat kawtelatorju ghas-somma ta' €260,000.00 kontra l-ahwa Cremona, kien qed jiffirma kuntratt ta' transazzjoni fejn iddikjara illi ma kellu l-ebda pretensjoni "ta' kwalunkwe xorta" kontra l-ahwa Cardona, mhux biss, talli tahom "kwittanza assoluta".*

*Mill-atti jirrizulta manifestament, u mhux biss prima facie, illi fl-istess jum li fih Kevin Attard ottjena l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu ta' dawn il-proceduri:*

***1. Il-partijet iffirmaw skrittura ta' transazzjoni inkluz kwittanza assoluta da parti ta' Kevin Attard a favur l-ahwa Cardona;***

***2. Bil-kunsens ta' Kevin Attard l-ahwa Cardona zbankaw flejjes depozitati l-Qorti;***

***3. Kevin Attard ceda fir-registru l-kawza pendenti ghad-danni kontra l-ahwa Cardona;***

***4. Kevin Attard irtira l-mandati kawtelatorji pendenti kontra Cardona "stante transazzjoni";***

*Ikkunsidrat;*

*Fil-fehma tal-Qorti t-transazzjoni u kwittanza assoluta iffirmata mill-partijiet fl-4 ta' Gunju 2018 tefghu fuq l-intimat l-oneru sabiex jiggustifika, ta' lanqas fuq livell ta' prima facie, illi nosnostante li fl-4 ta' Gunju 2018 huwa iffirma skrittura ta' transazzjoni u ta kwittanza assoluta lill-ahwa Cardona kif ukoll iddikjara illi invista tat-transazzjoni ma kellu "ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta" kontra l-ahwa Cardona, tali transazzjoni ma kellha l-ebda effett fuq il-pretensjonijiet antecedenti tieghu fil-konfront ta' Cardona. Dan qed jinghad ghaliex kontra dak li issa qed jallega Attard fir-risposta ghar-rikors revoka, it-talba tieghu ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghas-somma ta' mitejn u sittin elf ewro (€260,000) giet imsejsa fuq il-kawzali: "rapprezentanti danni sostanzjali li sofra s-sekwestrant meta l-intimati kellhom l-ishma flimkien mas-sekwestranti tas-socjeta' KPM Marine Services Limited C-67876"*

*Huwa evidenti ghal din il-Qorti illi meta l-intimat ipprezenta fil-21 ta' Novembru 2018 r-risposta tieghu ghar-rikors revoka huwa kien nesa illi l-mandat ta' sekwestru de quo inhareg fuq rikors tieghu ipprezentat ad insaputa tal-ahwa Cardona fl-istess jum li fih kienu qed jiffirmaw l-iskrittura ta' transazzjoni. Apparentement l-intimat Attard nesa wkoll illi fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo iddikjara bil-gurament tieghu illi ried jikkawtela is-somma ta' €260,000.00 allegatament danni li sofra meta l-ahwa Cardona kellhom l-ishma fis-socjeta' KPM Marine Services Limited u mhux ghal xi haga li grat wara.*

*Prima facie jirrizulta illi l-agir ta' Attard huwa abbuz tas-sistema gudizzjarju ghaliex kieku minnu dak li issa qed jallega Cardona, kien ikun f'posizzjoni li mar-risposta jipprezenta d-dokumenti kollha rilevanti kif jitlob tassattivament l-**artikolu 836 sub-inciz 3 tal-Kap. 12**. In-nuqqas tal-intimat li jottempera ruhu mad-dispost tas-sub inciz 3 tal-Artikolu 836 jimmilita kontra tieghu.*

*Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti Cardona, irnexxielhom jippruvaw, fuq bazi prima facie, li l-hrug tal-mandat fuq talba ta' Attard ma kienx gustifikabbli u ghalhekk qed tilqa' t-talba ghar-revoka tal-istess mandat.*

Il-Qorti kif presjeduta ghaddiet imbaghad sabiex irrevokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 912/18 fl-ismijiet "Kevin Attard vs Philip Cardona et." u ordnat il-hrug tal-kontro mandat relattiv numru 15/2019.

Ikkunsidrat;

In tema legali l-Qorti taghmel referenza ghall-provvediment moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet "**Dr Joseph Zammit Tabone et. vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et**" fejn gie ccitat b'approvazzjoni provvediment moghti fit-30 ta' Settembru 2015 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "**Gordon Grixti Fino v. St.Patrick's Salesian School**":-

"Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik ilkawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli"

**Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap: 12** jipprovdi kif gej::

"(1) L-Imhallef jista' jigi rikuzat jew jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza:

- omissis -

"(d)(ii) jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru:

"Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni moghtija mill-Imhallef meta ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni."

Ikkunsidrat;

Id-digriet li minnu qed jilmenta l-attur u li abbazi tieghu qed jitlob ir-rikuza tal-Imhallef sedenti ma qatax definittivament il-mertu tal-kwistjoni ta' bejn il-partijiet u ghalhekk strettament ma japplikax l-Artiklu 734 fuq citat. Pero' dan ma jwasalx necessarjament ghac-cahda tat-talba ghar-rikuza.

Kif intqal fil-kawza kostituzzjonali **Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et** (12/07/2005) : ."Anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall rikuza - anzi jista jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali **Sant vs Kummissarju tal-Pulizija** 2/4/90; **Cachia vs Onor.Prim Ministru e**t 10/10/91; **Bugeja et vs Onor.Prim Ministru noe et** 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru** et 1/11/96)."

Kif iddikjarat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza "**Lawrence Grech et vs L-Avukat Generali et**." b'sentenza tat-28 ta' April 2016:-

"Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rekuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalita ta' gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata rrimedju opportun."

Fis-sentenza moghtija mill-Grand Chamber fit-23 ta' April 2015 fl-ismijiet **Morice vs France** intqal is-segwenti:-

"In this connection even appearances may be of a certain importance or, in other words, “justice must not only be done, it must also be seen to be done” (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII, and Micallef, cited above, § 98)."

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti, meta fid-digriet tal-31 ta' Dicembru 2018 il-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha li permezz taghhom ikkonkludiet illi kien hemm ragunijiet ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12 sabiex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fuq talba ta' Kevin Attard, il-Qorti kif presjeduta esprimiet u tat gudizzju fuq aspett partikolari tal-vertenza ta' bejn il-partijiet li jinciedi direttament fuq il-mertu tal-kawza odjerna. Dan kien inevitabbli tenut kont li l-Qorti kienet qed issib illi l-ammont reklamat fil-mandat kawtelatorju, l-istess ammont reklamat mill-attur fil-kawza odjerna, ma kienx *prima facie* gustifikat ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12.

Il-Qorti ghalhekk qed tasal ghall-konkluzzjoni illi oggettivament jezistu ragunijiet validi sabiex l-Imhallef sedenti jilqa' talba tal-atturi ghar-rikuza, anke in omagg ghall-principju legali illi l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid ukoll tidher li qed issir.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur imressqa waqt l-udjenza tat-28 ta' Frar 2019; tiddikjara illi hemm ragunijiet validi fil-ligi sabiex l-Imhallef sedenti jastjeni milli jisma' l-kawza odjerna; ai termini tal-Artikolu 738 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tiddekreta li hemm lok ghas-surroga ta' Mhallef iehor;

konsegwentement l-Imhallef sedenti jastjeni milli jkompli jisma' l-kawza fl-ismijiet premessi.

Il-Qorti tordna illi l-atti tal-kawza jigu mibghuta lir-Registratur tal-Qorti sabiex il-kawza tigi riassenjata skond il-ligi.

**Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**